**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 327/13VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 9 ta' Gunju 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fl-20 ta' Dicembru 2013 permezz ta' liema jitlob li l-istimi mahruga kontra tieghu mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-29.02.08, 01.12.08-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10 u 01.09.10-30.11.10 jigu dikjarati invalidi u zbaljati u konsegwentement jigu kkancellati;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 8 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga kontra tieghu ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-29.02.08, 01.12.08-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10 u 01.09.10-30.11.10 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li l-aggravji sollevati minnu, kemm dawk preliminari kif ukoll dawk fil-meritu, huma infondati fil-fatt u fid-dritt mentri l-istimi kontestati huma gustifikati u jisthoqq li jigu milqugha;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "L" a fol. 21 sa' 60 tal-process;

Ra li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2014[1] il-partijiet kontendenti: (i) qablu li qabel ma t-Tribunal jidhol fil-mertu tal-proceduri, jittratta u jiddeciedi l-

[1] Fol. 70 tal-process.

aggravju preliminari bbazat fuq l-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta sollevat mir-Rikorrent; u (ii) qablu li ma hemmx provi dwar il-fatti rigwardanti tali aggravju preliminari stante li l-istess jittratta dwar kwistjoni ta' natura legali;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent ipprezentata fil-5 ta' Mejju 2014[2] u ra n-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ipprezentata fil-15 ta' Mejju 2015[3];

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta stimi mahruga kontra tieghu mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fit-18 ta' Novembru 2013 ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-29.02.08, 01.12.08-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.09.10-30.11.10 in forza ta' liema qed jigi mitlub ihallas is-somma ta' €1,503.64 bhala taxxa, oltre taxxa amministrattiva u imghax[4]. Huwa jibbaza l-appell tieghu mill-imsemmija stimi fuq is-segwenti aggravji: (i) l-istimi huma invalidi fid-dritt stante li huma mera ezatta ta' stimi mahruga precedentement mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u li dwarhom kien hemm appell quddiem it-Tribunal u allura huwa kaz lampanti ta' *double jeopardy*; (ii) l-istimi huma invalidi ghaliex l-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma jahsibx ghal u ma jinkorporax istanzi fejn minbarra stimi provvizorji jkunu hargu wkoll stimi finali izda jahseb biss ghall-kancellament ta' stimi provvizorji meta ma jkunux ghadhom hargu stimi finali. Fil-kaz in ezami d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kien hareg stimi finali fil-konfront tar-Rikorrent, minn liema stimi gie intavolat appell in kwantu difettuzi u l-istess gew ikkancellati mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-mori ta' l-appell minghajr ma nghatat raguni ghalfejn l-istimi kienu qed jigu kkancellati; (iii) l-istimi in kwistjoni jmorru ghal kollox kontra kull gustizzja naturali peress illi d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jidher li sab metodu kif jista' jdur ma' l-artikoli tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u jkkreja t-tieni opportunità sabiex dak li ma jkunx irnexxielu jaghmel fl-ewwel opportunità, jaghmilha fit-tieni, mentri r-Rikorrent ma ghandux possibilitajiet multipli imma biss il-mannara tat-tletin (30) gurnata entro liema ghandu jintavola l-appell tieghu mill-istimi mahruga kontrih. Jekk l-operat tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jigi accettat mit-Tribunal dan ikun ifisser li tul is-smigh ta' appell id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ikun jista', b'mod assolutament unilaterali, jinterrompi u jittermina l-proceduri billi jiddikjara li se jikkancella l-istimi u wara, liberament entro t-terminu ta' sitt snin, ikun jista' jerga' jiftah il-kaz billi jerga' johrog l-istess stimi, dana kollu b'abbuz tas-sistema gudizzjarja u b'insult lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem; u (iv) fil-

[2] Fol. 71 sa' 76 tal-process.
[3] Fol. 84 sa' 90 tal-process.
[4] Fol. 4 sa' 8 tal-process.

meritu, l-istimi kontestati gew mahruga kontra tieghu in bazi ghal konsiderazzjonijiet u assunzjonijiet zbaljati.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jopponi ghall-appell tar-Rikorrent mill-istimi mahruga kontra tieghu ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-29.02.08, 01.12.08-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.09.10-30.11.10 u jitlob li l-istess jigi michud filwaqt li l-istimi jigu kkonfermati stante li: (i) fil-kaz in ezami ma jistax japplika l-principju ta' *double jeopardy* stante li fl-ewwel lok l-appell fl-ismijiet "XXX v. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)" Rikors Nru. 333/12 kien gie cedut mir-Rikorrent u t-Tribunal astejna milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali appell b'dana li qatt ma inghatat ebda decizjoni fir-rigward u fi kwalunkwe kaz, il-kaz in ezami jaqa' taht il-kamp fiskali u mhux taht dak kriminali; (ii) l-Artikolu 35 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jaghtih il-fakultà li effettivament jipprocedi kif ghamel fil-kaz in ezami stante li l-appell precedenti kien gie cedut u qatt ma nghatat decizjoni fir-rigward. Ic-cessjoni ta' l-appell kienet tfisser li ma kienx fadal aggravji fir-rigward ta' l-istimi mahruga kontra r-Rikorrent u ghalhekk il-meritu ta' dak l-appell gie ezawrit. Cessjoni ta' appell ma timpedix lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) milli jerga' johrog stimi provvizorji u stimi finali u li jinnotifika l-istess ai termini tal-Ligi; (iii) l-istimi meritu ta' l-appell bir-Rikors Nru. 333/12 gew ikkancellati ghaliex kif kien gie gustament osservat mir-Rikorrent f'dawk il-proceduri, dawk l-istimi kienu nulli u ghalhekk tali stimi ghandhom jitqiesu daqs li kieku qatt ma nhargu. B'hekk ma jissussisti l-ebda *double jeopardy*, assumendo li dan il-principju japplika fil-kamp fiskali, u ma kien hemm l-ebda abbuz da parte tieghu; (iv) ghalkemm ir-Rikorrent ghamel referenza ghall-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu dahal fis-sehh fl-2011 in segwitu ghal diversi sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) li kienu jittrattaw sitwazzjonijiet simili ghal dik odjerna, in verità tali artikolu tal-Ligi jaghti ragun lilu, ossia lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), u mhux lir-Rikorrent u konsegwentement jirrizulta li fil-konfront tar-Rikorrent huwa mexa bl-aktar mod skrupoluz u korrett mad-dettami tal-Ligi; (v) huwa ma mexiex kif jaqbillu izda mexa skond id-dettami tal-Ligi kif del resto mehtieg li jaghmel biex iwettaq l-obbligu tieghu li jhares l-erarju pubbliku; (vi) kwalunkwe ilment li r-Rikorrent jista' ghandu dwar lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu ma jistax jitressaq quddiem dan it-Tribunal in kwantu l-istess ma huwiex kompetenti biex jittrata tali kwistjonijiet; (vii) ma kien hemm ebda abbuz da parte tiehgu stante li huwa pproceda fil-konfront tar-Rikorrent pjenament entro d-dettami tal-Ligi; (viii) id-dritt ghar-refuzjoni ta' Input Tax ma huwiex wiehed awtomatiku izda huwa regolat b'dak provdut fl-Artikolu 22(2)(a),(b) u (c) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-Artikolu 2(1) u (2)(a) ta' l-Ghaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (ix) mir-Rapport ta' l-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent u mir-Rapport tar-Review johrog car li kemm in kwantu rigwarda Output Tax kif ukoll in kwantu rigwarda Input Tax, ir-Rikorrent ma mexiex bil-mod kif tipprovdi l-Ligi u ghalkemm inghata l-opportunità li jottempera ruhu ai termini tal-Ligi u li jressaq il-provi in sostenn tal-posizzjoni tieghu huwa baqa'

inadempjenti u naqas milli jaghmel dan; (x) l-istimi meritu ta' dawn il-proceduri huma gusti u jisthoqq li jigu ikkonfermati.

Waqt is-seduta ta' l-24 ta' Frar 2014, il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl ta' l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrent a bazi ta' l-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta [li jigi t-tieni aggravju sollevat mir-Rikorrent] it-Tribunal ghandu jittratta u jiddeciedi tali aggravju qabel ma jittratta l-appell fil-meritu. B'hekk din id-decizjoni tittratta dwar u tiddetermina l-aggravju preliminari sollevat mir-Rikorrent a bazi ta' l-Artikolu 32(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn appuntu jikkontendi li l-istimi huma invalidi ghaliex l-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma jahsibx ghal u ma jinkorporax istanzi fejn minbarra stimi provvizorji jkunu hargu wkoll stimi finali izda jahseb biss ghall-kancellament ta' stimi provvizorji meta ma jkunux ghadhom hargu stimi finali. Fil-kaz in ezami d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kien hareg stimi finali fil-konfront tar-Rikorrent, minn liema stimi gie intavolat appell in kwantu difettuzi u l-istess gew ikkancellati mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-mori ta' l-appell minghajr ma inghatat raguni ghalfejn l-istimi kienu qed jigu kkancellati.

Il-fatti saljenti tal-kaz in ezami huma s-segwenti:

- B'ittra datata 13 ta' Marzu 2012 ir-Rikorrent gie mitlub mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) sabiex ghall-finijiet ta' l-Artikolu 53 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jipprezenta l-kotba tax-xiri mill-01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10 u r-ricevuti u fatturi tax-xiri ghall-istess perijodi[5];
- In segwitu ghall-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent gie konkluz li kellhom jinhargu fil-konfront tieghu stimi provvizorji ammontanti ghal €1,906.10[6];
- Bhala fatt inhargu stimi provvizorji fil-konfront tar-Rikorrent datati 24 ta' April 2012 ghall-perijodi ta' taxxa 01.04.06-31.05.06, 01.01.08-29.02.08, 01.1208-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10 u 01.09.10-30.11.10[7], liema stimi provvizorji gew notifikati fit-2 ta' Mejju 2012[8];
- Ir-Rikorrent talab *Review* mill-imsemmija stimi w in segwitu ghall-istess gie konkluz illi *it is being recommended that for tax period 01/09/2010-30/11/2010 the provisional assessment be reduced by €46.46 VAT, while for all other tax periods the provisional assessment is to be confirmed on the basis that the income derived from the leasing of taxi is taxable and also that no further invoices were produced in relation to claims submitted*[9];

[5] Dok. "B" a fol. 25 tal-process.
[6] Rapport ta' l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datat 11 ta' April 2012, Dok. "C" a fol. 26 sa' 27 tal-process.
[7] Fol. 31 sa' 36 tal-process.
[8] Fol. 29 tal-process.
[9] Rapport tar-Review Officer, Dok. "F" a fol. 37 tal-process.

- In sewgitu ghall-process tar-*Review* inhargu stimi finali fil-konfront tar-Rikorrent datati 12 ta' Ottubru 2012 ghall-perijodi ta' taxxa indikati iktar 'l fuq, liema stimi finali, skond id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), gew notifikati lir-Rikorrent fit-13 ta' Novembru 2012 liema data tigi oltre t-terminu ta' sitt xhur prefiss fil-Ligi[10];
- Ir-Rikorrent appella mill-imsemmija stimi permezz ta' Rikors fl-ismijiet "XXX v. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), Rikors Nru. 333/12VG, liema proceduri gew ceduti mir-Rikorrent peress illi fil-mori ta' l-appell id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ikkancella l-istimi li nhargu fil-konfront tar-Rikorrent in kwantu dawn gew notifikati lilu oltre t-terminu ta' sitt xhur prefiss fil-Ligi[11];
- Fis-6 ta' Awwissu 2013 id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) rega' hareg stimi provvisorji fil-konfront tar-Rikorrent ghall-perijodi ta' taxxa 01.04.06-31.05.07, 01.01.08-29.02.08, 01.12.08-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10 u 01.09.10-30.11.10[12];
- Permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 2013[13] ir-Rikorrent ipprotesta kontra l-hrug ta' l-imsemmija stimi provvizorji fil-konfront tieghu, liema protesta tar-Rikorrent giet ribattuta mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' ittra datata 25 ta' Settembru 2013[14];
- B'Rapport mahrug fit-30 ta' Ottubru 2013, ir-Review Officer Noel Borg ghamel is-segwenti rakkomandazzjoni *since the VAT Department has acted in bona fede and according to the VAT Act and also that no further arguments were presented except those indicated above, it is being recommended that the provisional assessment for tax period 01.04.06-31.05.07 be revoke while the provisional assessments for the other five tax periods are confirmed*[15]*;*
- Bhala fatt fit-18 ta' Novembru 2013 inhargu stimi finali fil-konfront tar-Rikorrent ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-29.02.08, 01.12.08-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10 u 01.09.10-30.11.10[16];
- In segwitu ghan-notifika ta' l-istimi in kwistjoni r-Rikorrent ipprezenta il-proceduri odjerni in bazi ghal liema qed jikkontesta l-istess imsemmija stimi in bazi, fost affarijiet ohra, ghall-aggravju li huma invalidi ghaliex nhargu bi vjolazzjoni ta' dak provdut fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament bi vjolazzjoni ta' dak attwalment kontemplat fl-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) Meta l-Kummissarju jkollu ghaliex jahseb li denunzja tat-taxxa maghmula minn persuna registrata taht l-artikolu 10 ghal zmien ta' taxxa ma jkunx fiha*

---

[10] Para. 9 tar-Risposta ta' l-Appell tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[11] Vide Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), para 10 a fol. 13 tal-process.
[12] Fol. 46 sa' 48 tal-process.
[13] Fol. 49 tal-process.
[14] Fol. 50 tal-process.
[15] Fol. 53 tal-process.
[16] Fol. 58 sa' 61 tal-process.

*dikjarazzjoni shiha u korretta ta' l-informazzjoni mehtiega li tkun dikjarata f'dik id-denunzja hu jista' jaghmel stima provizorja u ghandu jinnotifika dik l-istima provizorja lil dik il-persuna mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi zmien ta' taxxa jew mid-data li fiha tintbaghat id-denunzja ta' taxxa ghal dak iz-zmien ta' taxxa, skont liema data tigi l-aktar tard: Izda fejn l-istima provizorja tkun tirreferi ghall-aggustament li jirrelata ma' l-input tax fuq l-oggetti kapitali imsemmija fl-Ghaxar Skeda, ghandha tigi notifikata mhux aktar tard minn sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' aggustament imsemmi fl-imsemmija skeda: Izda wkoll, meta persuna taghmel korrezzjoni skont l-artikolu 28(1), il-perijodu ta' sitt snin li fih il-Kummissarju jista' jaghmel stima provizorja kif previst f'dan is-subartikolu jibda jiddekorri mid-data li fiha l-Kummissarju jircievi t-talba ghall-korrezzjoni[17]. (2) Meta tinhareg stima provizorja ghandu jigi indikat b'mod car fuqha li dik tkun stima provizorja u li wara tista' tinhareg stima fil-limitu ta' zmien specifikat fis-subartikolu (3). Hlief kif imsemmija qabel stima provizorja ghandu jkun fiha dawk il-partikolaritajiet kollha li huma mehtiega li jinghataw fi stimi u dawk il-partikolaritajiet l-ohra li l-Kummissarju jista' jidhirlu xierqa tista' ssir fuq dik il-formula u jista' jkun fiha dawk il-partikolaritajiet l-ohra kif jista' jigi preskritt. (3) Wara li jghaddi zmien ta' mhux inqas minn tletin jum u mhux iktar minn sitt xhur min-notifika ta' stima provizorja lil persuna dwar zmien ta' taxxa, il-Kummissarju jista' jaghmel stima ta' l-output tax u t-tnaqqis ta' dik il-persuna ghal dak iz-zmien u tal-penali amministrattiva li ghaliha dik il-persuna tkun giet suggetta u ghandu jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna. (4) L-istima maghmula skond is-subartikolu (3) ma ghandux ikun fiha xejn differenti fl-ammonti specifikati fl-istima provizorja relattiva hlief – ghal (a) varjazzjonijiet mitluba minn jew bi ftehim ma' l-imsemmija persuna; (b) varjazzjonijiet li jikkonsistu fis-sostituzzjoni ta' l-ammonti murija fl-istima provizorja b'ammonti li jkunu daqsinsew jew eqreb ta' dawk dikjarati fid-denunzja relattiva; (5) Il-Kummissarju jista', ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, jikkancella, kull stima provvizorja li jkun hareg, u johrog stima provvizorja gdida, u dan il-kancellament ghandu jkun bla pregudizzju li johrog stima provvizorja gdida li tkun mehtiega tohrog taht dan l-Att minflok l-istima provvizorja kkancellata li ghandha titqies li qatt ma harget. Din l-istima provvizorja gdida ghandha tinhareg fiz-zmien perentorju specifikat fis-subartikolu (1).*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-Kummissarju tat-Taxxi[18] **ghandu** fi zmien sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi zmien ta' taxxa jew mid-data li fiha tintbaghat id-denunzja ta' taxxa ghal dak iz-zmien ta' taxxa, skont liema data tigi l-aktar tard, johrog u jinnotifika stima provvizorja fil-konfront ta' *taxpayer* u **ghandu,** mhux iktar kmieni minn tletin jum u mhux iktar tard minn sitt xhur mill-hrug u notifika ta' dik l-istima provvizorja, johrog stima

[17] Dan l-ahhar proviso gie introdott bis-sahha ta' l-Att XV ta' l-2016.
[18] Già Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

finali fil-konfront ta' dak l-istess *taxpayer*. **It-termini prefissi fil-Ligi huma termini perentorji u mhux semplicement preskrittivi**.

F'cirkostanzi fejn fil-mori ta' appell minn stimi l-Kummissarju tat-Taxxi jikkancella l-istimi hekk kontestati – li huwa appuntu l-kaz fil-kaz in ezami – jew b'decizjoni tat-Tribunal jew tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qablu, l-istimi kontestati jigu ikkancellati, jinsab ormai rikonoxxut id-dritt ta' l-istess Kummissarju tat-Taxxi li johrog stimi finali sostituttivi. Dana id-dritt hekk rikonoxxut però qatt ma gie interpretat bhala dritt assolut tal-Kummissarju izda dritt arginat **bil-limitazzjoni taz-zmien prefiss fl-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta** – li hija l-kwistjoni centrali fil-proceduri ojderni – u/jew bil-limitazzjoni tar-riapertura tal-kwistjoni li dwarha jkun hemm decizjoni a tenur ta' l-Artikolu 35 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward issir referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud,** deciza fit-13 ta' Frar 2009[19], fejn inghad illi: *Korrettement interpretata, l-kancellazzjoni ggib modifika radikali ta' l-appell fis-sens li dan isir, b'rizultat ta' dik il-kancellazzjoni, improcedibbli. Ir-raguni hi ovvja. B'dik il-kancellazzjoni ma setax ikompli jinghata impuls lill-process ta' l-appell u kull attività processwali quddiem il-Bord kellha ticcessa. Taht dan il-profil il-kancellazzjoni kienet timplika l-estinzjoni kontemporanja u awtomatika tal-process hlief ghad-decizjoni merament ritwali, rikonjittiva ta' l-impossibilità li l-appell jipprosegwi fuq l-oggett tal-gravam kontra l-istima kancellata. Imprexxindibilment mill-legittimità o meno taghha, il-kancellazzjoni tiddetermina de jure qaghda li hi sostanzjalment assimilabbli ghall-qaghda pre-ezistenti ghall-proposizzjoni u emissjoni ta' l-istima kkancellata.* ***Daqs kemm hu fil-poter dispositiv tal-Kummissarju li johrog stimi originali jew dawk addizzjonali, daqstant iehor jikkompeti lis-setgha dispositiva tieghu li jikkancella stimi biex jidderiegi ruhu ahjar u jissostitwihom b'ohrajn godda. L-uniku limitazzjoni li ghandu f'dan l-ezercizzju <u>huma l-fattur zmien li jippreciza l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 406</u> u r-ri-apertura tal-kwestjoni fil-kaz li dwarha jkun hemm digà decizjoni ta' appell (Artikolu 35 ta' l-istess Kapitolu)[20].*** *B'din l-ahhar limitazzjoni l-Qorti ragonevolment tifhem illi l-kwestjoni vertenti fuq l-istima tkun aggudikata fil-mertu u mhux ukoll ghall-kaz fejn jinghata provvediment sempliciment dikjarativ ta' l-estinzjoni tal-process minhabba l-fatt tal-kancellazzjoni ta' l-istima mill-parti li tkun hargitha. F'kaz bhal dan il-provvediment ma ghandu ebda kontenut definittiv u vinkolanti tal-mertu tal-gudizzju imma wiehed merament dikjarattiv tal-manifestazzjoni tal-volonta` tal-Kummissarju li jhassar u jirtira l-istima oppunjata.*

[19] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 5 pg. 29.
[20] Enfasi u sottolinear tat-Tribunal.

Dawn l-istess princippji gew ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, deciza fil-11 ta' Dicembru 2009[21].

Fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi u l-princippji guridici derivanti minnhom it-Tribunal jehtieg issa jiddetermina jekk id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) huwiex fakoltizzat bil-Ligi li wara li jikkancella stimi finali ghaliex notifikati lit-*taxpayer* oltre t-terminu ta' sitt xhur min-notifika ta' l-istima provizorja kontemplat fl-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' johrog l-istess stimi provvizorji b'data ohra biex b'hekk jerga' jibda jiddekorri t-terminu prefiss fl-imsemmi Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement johrog stimi finali fil-konfront ta' l-istess *taxpayer*.

F'tali rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-26 ta' Marzu 2010[22], fejn gie osservat illi: *Il-kwestjoni introdotta bl-appell tas-socjetà appellata quddiem il-Bord kienet dik jekk l-istejjem finali datati 16 ta' Frar, 2007 kellhomx jigu kkonsidrati bhala nulli u bla efett ghar-raguni illi kien skada z-zmien tal-hrug u tan-notifikazzjoni taghhom mid-data ta' l-ewwel sett ta' stejjem provvizorji mahruga fit-22 ta' Frar 2006. Dan kif ahjar u ulterjorment spjegat mill-istess socjetà appellata fin-Noti ta' sottomissjonijiet taghha tat-3 ta' Lulju, 2009 u tal-10 ta' Awissu 2009 lill-Bord. Il-Bord fid-decizjoni issa appellata koncizament irraguna, fuq l-interpretazzjoni tieghu tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi, illi l-intenzjoni tal-legislatur kienet manifestament dik illi, emessi l-istejjem provvizorji, dawn kellhom jigu segwiti bi stejjem definittivi u finali entro z-zmien preskritt u mhux ukoll bil-hrug ta' sett gdid ta' stejjem provvizorji. Skond il-fehma tieghu t-teorija propunjata mill-Kummissarju illi l-Artikolu 32 ta' l-Att ma jispecifikax espressament li stima provvizorja ma tistax tohrog izjed minn darba hi fallaci ghaliex apparti li l-kliem ta' l-artikolu jindika mod iehor, dan, f'kull kaz, lanqas ma jispecifika espressament li stima bhal dik tista' tohrog izjed minn darba. Il-Kummissarju jimpunja dan ir-ragonament tal-Bord fis-sens illi, skond hu, il-Bord javvanza biss spekulazzjonijiet u supposizzjonijiet ta' x'kellu f'mohhu l-legislatur minghajr il-konfort ta' dibattiti Parlamentari u b'hekk l-istess Bord arroga ghalih id-dritt li jinterpreta hu l-hsieb tal-legislatur minghajr is-sostenn ta' xi fonti li tikkorrobora dak ir-ragunament tieghu. Fl-istess waqt li jghid dan l-istess Kummissarju jissottometti wkoll b'interpretazzjoni illi l-istima provvizorja ma fiha ebda sahha legali, u li l-ligi ma tinibihx milli jerga' johrog stejjem provvizorji ohra ghax dawk l-ohrajn ta' qabilhom minnu mahruga jkunu skadew jew wasal biex jiskadi t-terminu ta' sitt xhur ghall-emissjoni ta' l-istejjem finali. Dan, skond hu, jista' jigri minhabba t-traskuragni jew il-prokrastinazzjoni tal-persuna registrata jew anke*

[21] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 5 pg. 184.
[22] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 5 pg. 305.

*minhabba informazzjoni gdida li fil-frattemp tkun ottenuta minnu … Premessi dawn ir-riflessjonijiet, huwa ragjonevoli illi jekk id-deduzzjonijiet l-ohra tal-Kummissarju humiex korretti jew le bosta jiddependi mill-interpretazzjoni li trid tinghata lill-Artikolu 32 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u, allura wkoll, mill-konfrontazzjoni ta' din l-istess interpretazzjoni ma' dak sottomess mill-Kummissarju. Sa fejn hu hekk rilevanti ghall-kaz l-Artikolu 32 predett jipprovdi fl-ewwel subinciz tieghu illi meta l-Kummissarju ma jkunx hekk sodisfatt mid-denunzja tat-taxxa ghax din tikkontjeni dikjarazzjoni inkorretta u bin-nieqes hu jista' jaghmel stima provvizorja li ghandha tigi notifikata lill-persuna destinatarja mhux aktar tard minn sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa jew mid-data tas-sottomissjoni tad-denunzja ghal dak l-istess perijodu, skond liema data tigi tard. Hu, imbaghad, provvdut fis-subinciz (3) tieghu illi wara li jghaddi zmien ta' mhux anqas minn tletin jum u mhux aktar minn sitt xhur minn notifika ta' stima provvizorja, il-Kummissarju jista' jaghmel stima, notifikata lill-parti, li turi l-output u l-input tax flimkien ma' penali amministrattiva ghal liema l-persuna registrata tkun hekk soggetta. Hlief ghal varjanti permissibbli skond is-subinciz (4), l-istima hekk maghmula trid tkun f'korrispondenza ghal dik specifikata fl-istima provvizorja. Mill-premess jinzlu dawn il-prospettazzjonijiet li gejjin:- 1. B'mod l-aktar evidenti jmiss lill-Kummissarju li johrog stejjem provvizorji ghax ma jkunx sodisfatt minn dak iddenunzjat lilu jew jkun sodisfatt mill-kuntrarju. Fil-kaz in ispecje dak li induca lill-Kummissarju johrog l-ewwel sett ta' stejjem provvizorji fit-22 ta' Frar, 2006 kien ir-rapport tat-Tax Compliance Unit dwar liema kopja tieghu tinsab esebita in atti; 2.* ***Ezercitata minnu d-diskrezzjoni lilu konferita mil-ligi permezz tal-hrug ta' stejjem provizorji, debitament notifikati, hu mistenni li dik l-istess diskrezzjoni vestita fil-Kummissarju tissokta tigi minnu mhaddma skond id-dettami ta' l-istess ligi u bl-istess mod regolari. Dan fis-sens li hu jghaddi ghan-notifikazzjoni ta' l-istejjem finali bil-mod u fil-limitu ta' zmien preskritt***[23]*. Tali stejjem finali jridu jixxiebhu ghal dawk provvizorji, salv fejn ikun xort'ohra permissibbli in raguni ta' xi arrangament milhuq mal-persuna registrata jew ghal xi varjazzjonijiet ohra. Dan dejjem pero` fil-kaz ta' l-istejjem finali u mhux ukoll dawk provvizorji.* ***Bhal Bord qabilha hi l-opinjoni ponderata ta' din il-Qorti illi l-Kummissarju ma avicinax il-kwestjoni de quo agitur minn vizjoni korretta tal-provvediment tal-ligi, u, anzi, tazzarda tghid illi kieku kellha takkolji l-interpretazzjoni sottomessa minnu dan mhux biss jistultifika l-kliem cari tal-provvediment izda, li hu aghar, jirrendihom fix-xejn. Certament, is-sens logiku jiddetta illi kieku kellu jigi accettat l-argoment tal-Kummissarju dan ikun ifisser illi l-ligi tkun qed takkordalu l-fakoltà u d-diskrezzjoni assoluta li, ghall-kompjacenza tieghu u b'konvenjenza unilaterali, hu jista' johrog stejjem provvizorji kemm irid kull meta jsib ruhu skopert ghaliex ma jkunx irrispetta***

---

[23] Enfasi tat-Tribunal.

***l-limitu taz-zmien fatali skond il-ligi ghal liema hu tenut johrog l-istejjem finali jew, altrimenti, jkun ser jisfa fir-riskju li jeccedi dak l-istess limitu dekadenzjali. Dan mhux dak li tghid u trid il-ligi u, wisq logikament, l-ebda djalettika xort'ohra propunjata mill-Kummissarju ma tista' titqies idoneja u korretta meta, ghal kull effetti, hi hekk f'konflittwalità ma' l-istess ligi***[24]. *Hemm fiz-zgur, imbaghad, konsiderazzjonijiet ohra l-ghala din il-Qorti ma tistax tammetti l-aggravju lilha devolut bhala terren ta' kontestazzjoni kontra d-decizjoni tal-Bord:- 1.* ***L-argoment interpretattiv tal-Kummissarju mhux konsonu ghar-raguni, ukoll ghaliex ma jidherx razzjonali illi l-ligi, minn xi parti tal-provvediment ezaminat, tikkoncedi lill-istess Kummissarju li johrog stejjem provvizorji in perpetwu, u kif hekk jidhirlu opportun u spedjenti ghall-interessi tieghu, ghal fini li jarresta t-trapass taz-zmien mid-data ta' l-emissjoni taghhom, u b'hekk igib li t-terminu statutorju utli jibda jghaddi mill-ahhar sett ta' stimi provvizorji sostitutivi ghal dawk ta' qabilhom. Qaghda bhal din jekk accettata, tirrendi nullifikanti c-certezza tad-dritt, u dan la hu permissibbli u wisq anqas lecitu mill-perspettiva tat-taxpayer u tat-tutela tieghu skond il-ligi***[25]*;2. Jekk hemm il-htiega li terga' hawn tirrepeti, din il-Qoti, kif drabi ohra senjalat minnha,* ***temmen li r-rapport bejn taxpayer u l-Fisco ghandu jkun dejjem karatterizzat mir-rispett tan-normi tal-ligi li jiddixxiplinaw dak l-istess rapport fiskali biex ebda parti ma tittanta tabbuza minnhom. Jekk allura, wisq korrettement, il-Fisco jesigi minghand it-taxpayer ottemperanza rigida u shiha mal-provvedimenti tal-ligi, hekk ukoll hu mistenni li l-istess Fisco jadotta huwa stess ghalih, bhal mod ta' mgieba, l-istess atteggjament irrigidit u fidili mad-dettami tal-ligi***[26].

Il-principji li johorgu mis-sentenza appena citata huma cari hafna u ftit li xejn hemm x'jista' jzid dan it-Tribunal ghajr li jirripeti l-principju kardinali li jemani mis-silta appena citata u cioè li l-Kummissarju tat-Taxxi, già Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ma jistax johrog stimi provvizorji in perpetwu, kif jidhirlu opportun u spedjenti ghall-interessi tieghu partikolarment ghall-fini li jarresta t-trapass taz-zmien mid-data tal-hrug taghhom u b'hekk igib li t-terminu statutorju utili jibda jghaddi mill-ahhar sett ta' stimi provvizorji sostutivi ghal dawk ta' qabilhom, iktar u iktar meta tali terminu jkun già skada. Dana mhux possibbli u permissibbli ghaliex tali agir igib fix-xejn ic-certezza tad-dritt li hija mehtiega mill-perpesttiva tat-*taxpayer* u tat-tutela adegwata tieghu skond il-Ligi.

In effetti fir-rigward issir referenza ghal sentenza ohra pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **A.B. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa**

[24] Enfasi tat-Tribunal.
[25] Enfasi tat-Tribunal.
[26] Enfasi tat-Tribunal.

**fuq il-Valur Mizjud, deciza** fis-6 ta' Ottubru 2010[27], fejn gie osservat illi**:** *jirrizulta bhala fatt f'dan il-kaz illi l-istejjem finali nhargu mill-Kummissarju fil-11 ta' April, 2005. Mill-ottika ta' l-Artikolu 32 (3), it-terminu ta' sitt xhur mid-data ta' l-ahhar sett ta' stejjem provvizorji (26 ta' Ottubru, 2004) ma kienx ghadu ddekorra mentri kien hekk perenti mid-data ta' l-ewwel sett ta' stejjem provvizorji (23 ta' Lulju, 2004). Issa, kif diga nghad fl-esposizzjoni qasira aktar 'il fuq riportata, l-appellat jigbed argoment favur il-pretiza tieghu ghall-hrug tat-tieni sett ta' stejjem provvizorji in sostituzzjoni ta' dawk originarji fuq l-istregwa tad-decizjoni minnu citata. Bir-rispett dovut din il-Qorti mhix tant impressjonata minn dik ir-raguni sottoposta tant ghaliex dik id-decizjoni kienet diga sew maghrufa mill-Kummissarju una volta li giet pronunzjata tliet snin qabel (13 ta' Lulju 2001), tant ghaliex ukoll, ankorke hass il-htiega li jikkonforma ruhu ma' dik l-istess decizjoni, ma kien hemm xejn x'izommu milli jghaddi ghall-istejjem finali fil-perkors ta' zmien li kien beda fit-23 ta' Lulju, 2004, gjaladarba wkoll l-ammont ta' taxxa eskogitat bl-istejjem finali baqa' invarjat minn dak muri fl-istejjem provvizorji originarji. Biex jigi adottat ghal kaz il-kliem ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha "**Charles Vella nomine -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**" riferita supra, "**kieku kellu ghall-grazzja ta' l-argoment jigi ragunat xort'ohra, dik l-interpretazzjoni tinzel comb fuq ras il-persuna registrata li jkollha, nolens volens, tissubixxi l-qaghda abbissimali u perenni li ma jkollha qatt, jghaddi kemm jghaddi zmien, ic-certezza tal-posizzjoni fiskali taghha fir-rigward tal-perijodi specifici ta' taxxa. Ma jidherx li qaghda bhal din tista' qatt taskrivi ruhha ghal dik tal-volonta tal-legislatur li ddetta l-ligi". Dan il-kliem qed jerga' jigi mtenni ghaliex manifestament ma jidherx illi l-Artikolu 32, subinciz (3) jakkorda, sew espressament, sew implicitament, id-dritt illi l-Kummissarju ma jirrispettax iz-zmien statutorju prefiss ta' sitt (6) xhur mill-hrug ta' l-istima provvizorja originarjament mahruga. Xort'ohra jinfetah bieb berah ghall-manipulazzjoni tal-ligi billi jigi aggirat iz-zmien utli li jkun miexi bil-perpetwità tal-hrug ta' stejjem provvizorji, kienet x'kienet ir-raguni. Invece, ghal darba'ohra, il-Qorti thoss li ghandha tirribadixxi illi l-unika ipotesi razzjonali ppostulata mill-ligi hi dik li, proprjament, meta tinhareg stima provvizorja din ghandha tigi segwita bi stima finali fil-limitu ta' zmien prospettat fis-subinciz (3) u li turi l-output tax u l-input vat flimkien ma' penali amministrattiva ghal liema l-persuna registrata tkun hekk soggetta**[28].*

Dan kollu appena osservat huwa fondamentali biex issa tigi trattata s-sottomissjoni avvanzata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) in sostenn ta' l-agir tieghu fil-konfront tar-Rikorrent, u cioè li huwa effettivament jinsab fakoltizzat jagixxi kif agixxa bis-sahha ta' dak provdut fl-Artikolu 32(5)

---

[27] Decision of the Court of Appeal, Vol. 5 pg. 386.
[28] Enfasi tat-Tribunal.

tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-Risposta ta' l-Appell id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li *l-appellant ghogbu jaghmel referenza ghall-Artikolu 32(5) tal-Kap.406. L-appellat umilment jirrileva li dan is-subartikolu dahal fis-sehh fl-2011 wara li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) iddecidiet diversi kazi kontra l-esponenti f'materji konsimili. Dawn il-kawzi li kieku ma dahalx dan is-subartikolu gdid, kienu jikkonfermaw it-tezi ta' l-appellant fil-kaz odjern. Dan is-subartikolu gdid jaghmel differenza totali ghall-kaz li qieghed iressaq l-appellanti. Dan ghaliex meta f'kazijiet precedenti tressaq dan il-punt, l-appellat kien qieghed jispicca fl-istadju ta' stima provvizorja b'idejh marbuta. Dan is-subartikolu illum qieghed jaghtih il-fakultà li jimxi kif mexa fil-kaz in ezami. Ghaldaqstant isewgi li l-appellat mexa bl-aktar mod skrupoluz u korrett mad-dettami tal-Ligi fil-konfront ta' l-appellant*[29].

L-imsemmi Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *Il-Kummissarju jista', ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, jikkancella, kull stima provvizorja li jkun hareg, u johrog stima provvizorja gdida, u dan il-kancellament ghandu jkun bla pregudizzju li johrog stima provvizorja gdida li tkun mehtiega tohrog taht dan l-Att minflok l-istima provvizorja ikkancellata li ghandha titqies li qatt ma harget. Din l-istima provvizorja gdida ghandha tinhareg fiz-zmien perentorju specifikat fis-subartikolu (1).*

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) evidentement jikkontendi li dan l-artikolu tal-Ligi, li skontu gie introdott appozitament biex jilqa' ghal u per konsegwenza jannulla l-effetti guridici nascenti mill-precitati sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) u ta' sentenzi ohra simili ghalihom, ghandu jigi interpretat b'mod li jaghtih il-fakoltà, is-setgha u d-dritt li meta jrid entro it-terminu ta' sitt snin previst fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u rrispettivament mill-fatt li già jkun hareg stima provvizorja fil-konfront tar-Rikorrent li tkun giet segwita bi stima finali li però giet kancellata ghaliex notifikata lit-*taxpayer* oltre t-terminu ta' sitt xhur prefiss fl-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' johrog stima provvizorja ohra b'dana li t-termini perentorji stabbiliti fl-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jergghu jibdew jiddekorru mill-gdid. Essenzjalment id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li bis-sahha ta' din id-disposizzjoni tal-Ligi huwa jista' jibqa' johrog stimi provvizorji u b'hekk ma jirrispettax iz-zmien statutorju ta' sitt xhur prefiss fil-Ligi.

Tali interpretazzjoni tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ta' l-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta hija, fil-fehma tat-Tribunal, ghal kollox guridikament zbaljata u per konsegwenza inaccettabbli ghaliex oltre li tmur kompletament kontra l-principju fondamentali li f'materji ta' natura fiskali ghandu jkun hemm certezza tad-dritt ghat-tutela u salvagwardja tat-*tax payer* skond il-Ligi, twassal biex il-legislatur stess ikun mhux biss issanzjona izda addirittura holoq mekkanizmu appozitu biex jinfetah bieb

[29] Para. (f) a fol. 16 tal-process.

berah ghall-manipulazzjoni tal-Ligi billi jigi aggirat iz-zmien utili li jkun miexi bil-perpetwità tal-hrug ta' stejjem provvizorji, kienet x'kienet ir-raguni.

Fir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Alfred Caruana, Appell Civili 266/05** deciza fl-10 ta' Jannar 2007, fejn inghad illi *innegabilment, il-principju gwida li janima l-bzonn tal-preskrizzjoni hu rifless fil-massima 'interest reipublicae ut sit finis litium". Ma' din hi abbinata dik il-massima l-ohra li tghid "vigilantibus et non dormientibus, jure subveniunt". Issa hu veru li applikazzjoni rigoruza ta' dawn il-massimi kapaci toholoq ingustizzja ghal parti li jkollha pretensjoni legittima, specjalment meta ebda tort ma jkun addebitabbli lilha ghan-nuqqas ta' ezercizzju ta' l-azzjoni fiz-zmien statutorju utli. Min-naha l-ohra, ghax "tempus regit actum", fejn ma tkun tezisti ebda raguni plawibbli, id-dixxiplina tal-fatt ghan-normattiv taz-zmien li fih isehh ghandha tibqa' rispettata.* ***Mhux mistenni, u lanqas accettabbli, allura, illi l-legislatur, bla raguni soda u konvincenti, jinventa mekkanizmu statutorju biex jiccirkumventi l-preskrizzjoni stabbilita u jipprolunga temporanjament it-terminu ghall-proponiment ta' azzjoni ghat-tutela formali eskluziva tad-Dipartiment tat-Taxxa***[30].

Ghalkemm is-sentenza appena citata kienet tittratta dwar l-introduzzjoni ta' provvediment fil-Ligi dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa li kellu effett retroattiv, ossia l-Artikolu 47(4) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, cirkostanza din mhux prezenti fil-kaz in ezami, m'hemmx dubju li l-principju hemm enuncjat, ossia li mhux mistenni u lanqas huwa accettabbli li l-Legislatur bla raguni soda u konvincenti jivvinta mekkanizku statutorju biex jiccirkumventi it-termini perentorji stabbiliti fil-ligi u b'hekk jipprolunga t-terminu entro liema Dipartiment tat-Taxxa jista' jagixxi fil-konfront ta' *taxpayer,* japplika anke fil-kaz in ezami fejn, dak li qed jigi sostnut mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa appuntu li bl-intervent tal-Legislatur inholoq mekkanizmu biex jigi prolungat a favur id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, u a skapitu tat-*taxpayer* iz-zmien entro liema jista' johrog stima finali fil-konfront tat-*taxpyaer* ghad illi l-istima provvizorja tkun già inharget u giet notifikata qabel id-dekors tat-terminu statutorju prefiss fl-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal jirribadixxi li l-interpretazzjoni li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jaghti lill-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li tali artikolu jippermettilu johrog stimi finali ghad illi jkun skada t-terminu statutorju ta' sitt xhur, semplicement billi jerga' johrog l-istess stimi provvizorji b'data differenti, hija ghal kollox guridikament zbaljata u bhala tali mhux accettabbli.

[30] Enfasi tat-Tribunal.

Apparte din il-kontestazzjoni, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi wkoll li l-agir tieghu fil-konfront tar-Rikorrent huwa sostnut u gustifikat bis-sahha ta' l-Artikolu 35 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li: *is-setgha li ssir stima ghandha tinkludi s-setgha li ssir stima addizzjonali jew revizjoni ta' stima fl-istess limiti ta' zmien u skont l-istess disposizzjonijiet li japplikaw ghal stima originali: izda l-Kummissarju ma ghandux jerga' jiftah xi haga li dwarha ikun hemm decizjoni ta' l-appell.*

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li huwa kellu kull dritt u setgha li mill-gdid johrog stimi finali fil-konfront tar-Rikorrent ghaliex peress illi l-appell fl-ismijiet "XXX v. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)" Rikors Nru.333/12 kien gie cedut mill-istess Rikorrent u konsegwentement it-Tribunal kien astejna milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell, sa' llum ma hemm ebda decizjoni dwar l-istimi in kwistjoni u b'hekk ma hemm xejn x'jimpedih milli johrog stimi godda fil-konfront tar-Rikorrent.

Fir-rigward id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jissottometti li *l-appellant qieghed jinsa li l-artikolu 35 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti lill-appellat il-fakoltà jimxi kif mexa fil-kaz in dizamina billi kif già gie irrilevat ma kien hemm* <u>*l-ebda decizjoni*</u>[31] *ta' dan l-Onorabbli Tribunal fl-appell cedut. Illi dan logikament ifisser illi b'dan il-pass ma kien ghad baqa' l-ebda aggravju mill-appellant versu l-esponenti u kwindi l-kontestazzjoni rigward stejjem kienet ezawrita. Dan l-istat ta' fatt bl-ebda mod ma jfisser li l-appellat ma setax jiehu l-mizuri li ha versu l-appellant. Illi c-cessjoni surreferita* ***ma timpedix***[32] *lill-esponenti milli jerga' johrog stejjem provvizorji u li jinnotifika l-istess lil tax payer. Illi din mhiex allegazzjoni fiergha li vvinta l-esponenti imma hija bbazata sodament fil-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-artikolu 35 ta' l-istess li testwalment jghid: Is-setgha li ssir stima ghandha tinkludi s-setgha li ssir stima addizzjonali jew revizjoni ta' stima fl-istess limiti ta' zmien u skont l-istess disposizzjonijiet li japplikaw ghal stima originali; izda l-Kummissarju* ***ma ghandux jerga' jiftah xi haga li dwarha ikun hemm decizjoni ta' l-appell***[33]*. Illi l-esponenti jtenni illi gialadarba gew ikkancellati l-istejjem dawn ma baqghux jezistu. Japplika hawn il-kaz ta'* ***quod nullum est, nullum producit effectum***[34]*. Isegwi logikament u legalment illi l-istejjem originali ghandhom jitqiesu bhallikieku qatt ma nhargu kontra l-appellanti u li kwindi dan ma gie li sofra l-ebda pregudizzju ghall-kuntrarju ta' dak li qieghed jallega l-appellant. Illi ta' min jghid illi:* ***qui suo jure utitur non videtur facere injuriam***[35]*. ... Illi l-esponenti jichad kategorikament illi qieghed juzufruwixxi minn xi metodologija innovattiva biex icahhad lill-appellat minn level playing field vis a vis l-istess. La l-ligi u wisq aktar il-Kummissarju ma jinnegawlu d-dritt ta' appell minn kull stima. Dejjem jekk*

[31] Sottolinear tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[32] Enfasi tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[33] Enfasi tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[34] Enfasi tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).
[35] Enfasi tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud).

*s'intendi jkun mexa mal-parametri tal-ligijiet ta' Malta, li certament ma kienx il-kaz fil-kaz prezenti da parte ta' l-appellant. Illi hu verament il-kaz ta' the pot calling the kettle black. Illi dan jinsab kontradett minn dak li rrizulta lill-esponenti meta kien qieghed jghmel ir-Rapport ta' l-Investigazzjoni. Fil-fatt irrizultalu s-segwenti li zgur ma jirriflettix xi dawl sabih fuq it-tax-payer. Illi certament biex tinghad a la ingliza hija ftit rich gejja mit-taxpayer meta inkiteb dan li jsegwi meta ntwera bic-car illi ma kkoperax bis-shih ma' l-esponenti! "Purchases ledgers requested for above-mentioned tax periods were requested but not produced". Illi fir-Review Report maghmul minn Noel Borg, Review Officer insibu miktub li: "In view of the above it is being recommended that for tax period 01/09/2010-30/11/2010 the provisional assessment be reduced by €46.46 VAT, while for all other tax periods the provisional assessment is to be confirmed on the basis that the income derived from the leasing of taxi is taxable and also that no further invoices were produced in relation to claims submitted". Imbaghad jilmenta illi l-esponenti mhuwiex jopera f'level playing field gudizzjarju! U jilmenta illi l-esponenti jittanta jissana n-nuqqas ta' ottemperament mad-dettami ta' l-Att billi ghandu ingranagg amministrattiv tqil[36].*

It-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghas-semplici raguni li: (i) fil-kaz in ezami mhux semplicement kwistjoni li bil-hrug mill-gdid ta' stimi finali huwa ma regax fetah xi haga li dwarha kien hemm decizjoni ta' l-appell ghaliex l-appell mill-istimi precedenti gie cedut, izda hawn huwa kaz fejn b'non-kuranza totali tal-fatt li t-**terminu perentorju** ta' sitt xhur min-notifika ta' l-istimi provvizorji stabbilit fl-Artikolu 32(3) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta **kien skada**, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) bl-iskuza ta' l-applikabilità ta' l-Artikolu 32(5) u ta' l-Artikolu 35 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-kaz in ezami, rega' hareg l-**istess stimi provvizorji b'data differenti bl-iskop li t-termini perentorji prefissi fil-Ligi, li jigi ribadit fil-kaz in ezami kienu lahqu ddekorrew, jergghu jibdew jiddekorru mill-gdid ghall-fini li jkun jista' johrog stimi finali kontra r-Rikorrent**; u (ii) l-implikazzjoni tad-Direttur Generali li ghaliex *taxpayer* ma jikkooperax waqt l-istadju ta' l-investigazzjoni u tar-Review bhal donnu jitlef id-drittijiet tieghu u t-tutela konferita lilu mill-Ligi u donnu ghandu jaccetta dak kollu li jigi ghal wiccu, hija ghal kollox gratuwita u legalment u guridikament inaccettabbli.

In kwantu rigwarda l-ewwel raguni ghaliex it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) issir referenza ghal dak kollu appena osservat iktar 'l fuq f'din id-decizjoni dwar il-hrug mill-gdid ta' stimi provvirozji u stimi finali u in kwantu rigwarda t-tieni raguni ghaliex it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), mill-gdid issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v.**

[36] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi, para. 13-15 u 17-22 a fol. 85 sa' 87 tal-process.

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, deciza fis-26 ta' Marzu 2010[37], u cioè li *r-rapport bejn taxpayer u l-Fisco ghandu jkun dejjem karatterizzat mir-rispett tan-normi tal-ligi li jiddixxiplinaw dak l-istess rapport fiskali biex ebda parti ma tittanta tabbuza minnhom.* ***Jekk allura, wisq korrettement, il-Fisco jesigi minghand it-taxpayer ottemperanza rigida u shiha mal-provvedimenti tal-ligi, hekk ukoll hu mistenni li l-istess Fisco jadotta huwa stess ghalih, bhal mod ta' mgieba, l-istess atteggjament irrigidit u fidili mad-dettami tal-ligi***[38].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-aggravju preliminari tar-Rikorrent fis-sens illi l-istimi mahruga kontra tieghu ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-29.02.08, 01.12.08-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10 u 01.09.10-30.11.10 huma invalidi in kwantu mhux sorretti mill-Ligi, wisq inqas mill-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa gustifikat u b'hekk jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-tieni aggravju sollevat mir-Rikorrent fis-sens illi l-istimi mahruga kontra tieghu ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-29.02.08, 01.12.08-28.02.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10 u 01.09.10-30.11.10 huma invalidi in kwantu mhux sorretti mill-Ligi, wisq inqas mill-Artikolu 32(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-istess imsemmija stimi.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[37] Decisions of the Court of Appeal, Vol. 5 pg. 305.
[38] Enfasi tat-Tribunal.